



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0211/2023**

5.6.2023

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rapportar ta' data ambjentali minn installazzjonijiet industrijali u l-istabiliment ta' Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali (COM(2022)0157 – C9-0145/2022 – 2022/0105(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Radan Kanev

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jiħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	31
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	33
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	34



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rapportar ta' data ambjentali minn installazzjonijiet industrijali u l-istabbiliment ta' Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali (COM(2022)0157 – C9-0145/2022 – 2022/0105(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0157),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0145/2022),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-14 ta' Lulju 2022<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-12 ta' Ottubru 2022<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0211/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 2**

---

<sup>1</sup>ĠU C443, 22.11.2022, p. 130.

<sup>2</sup>ĠU C 498, 30.12.2022, p. 154.

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Il-Konvenzjoni ta' Aarhus, irratifikata mill-Komunità Ewropea fis-17 ta' Frar 2005 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tirrikonoxxi li ż-żieda fl-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u t-tixrid ta' tali informazzjoni jikkontribwixxu għal sensibilizzazzjoni akbar dwar kwistjonijiet ambjentali, skambju liberu ta' fehmiet, parteċipazzjoni aktar effettiva mill-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet ambjentali u, eventwalment, għal ambjent aħjar.

*Emenda*

(2) Il-Konvenzjoni ta' Aarhus, irratifikata mill-Komunità Ewropea fis-17 ta' Frar 2005 mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tirrikonoxxi li ż-żieda fl-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u t-tixrid ta' tali informazzjoni jikkontribwixxu għal sensibilizzazzjoni akbar dwar kwistjonijiet ambjentali, skambju liberu ta' fehmiet, parteċipazzjoni aktar effettiva mill-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali u, eventwalment, għal ambjent aħjar. ***Fejn il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni tirrikjedi li l-informazzjoni kummerċjali jew industrijali tinżamm kunfidenzjali biex jiġi protett interess ekonomiku leġittimu, jenħtieġ li dik il-kunfidenzjalità tiġi ssalvagwardjata sabiex jiġu protetti tali interessi ekonomiċi leġittimi.***

**Emenda 2**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 2a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(2a) Il-Konvenzjoni ta' Aarhus tirrikonoxxi d-dritt għall-protezzjoni ta' data u/jew fajls personali, relatati ma' persuna fiżika li ma tkunx tat il-kunsens tagħha għall-iżvelar tal-informazzjoni lill-pubbliku, fejn il-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni tkun prevista fil-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> jirrikjedi lill-Istati Membri jinfurmaw lis-suġġetti tad-data bid-drittijiet tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u bil-proċeduri applikabbli għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet.***

---

***<sup>1a</sup> Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-***

*persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

**Emenda 3**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) F'konformità mal-konklużjonijiet tat-tieni rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 166/2006, f'Ġunju 2021, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ("l-Aġenzija"), żviluppat Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali ("il-Portal")<sup>38</sup> biex jissostitwixxi r-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti **u għalhekk itejjeb** is-sinerġiji mar-rapportar skont id-Direttiva 2010/75/UE.

---

<sup>38</sup> <https://industry.eea.europa.eu/>

*Emenda*

(7) F'konformità mal-konklużjonijiet tat-tieni rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 166/2006, f'Ġunju 2021, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ("l-Aġenzija"), żviluppat Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali ("il-Portal")<sup>38</sup> biex jissostitwixxi r-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti **bil-għan li jtejjeb** is-sinerġiji mar-rapportar skont id-Direttiva 2010/75/UE.

---

<sup>38</sup> <https://industry.eea.europa.eu/>

**Emenda 4**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Jenħtieġ li l-Portal jipprovdi lill-pubbliku b'aċċess **mingħajr ħlas** u **online** għal sett ta' data integrat u koerenti ulterjuri dwar il-pressjonijiet ambjentali ewlenin iġġenerati minn installazzjonijiet industrijali peress li tali data tikkostitwixxi għodda kosteffettiva għat-twertiq ta' paraguni u għat-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ambjentali, **filwaqt li jinkoraġġixxi** prestazzjoni ambjentali aħjar, **jitraċċa x-xejriet, juri l-progress** fit-tnaqqis tat-tniġġis, **fl-installazzjonijiet ta'**

valutazzjoni komparattiva, **fil-monitoraġġ** tal-konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti, **fl-istabiliment** tal-prijoritajiet u **fl-evalwazzjoni** tal-progress miksub permezz tal-politiki u l-programmi ambjentali tal-Unjoni u nazzjonali.

tikkostitwixxi għodda kosteffettiva għat-twettiq ta' paraguni u għat-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ambjentali, **għat-tħeġġiġ ta'** prestazzjoni ambjentali aħjar, **għat-traċċar tax-xejriet, għall-wiri tal-progress** fit-tnaqqis tat-tniġġis, **għal** valutazzjoni komparattiva **ambjentali aħjar tal-installazzjonijiet, u wkoll għar-rikonoxximent tal-ispeċifiċitajiet ta' kull installazzjoni, għall-monitoraġġ** tal-konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti, **għall-istabiliment** tal-prijoritajiet u **għall-evalwazzjoni** tal-progress miksub permezz tal-politiki u l-programmi ambjentali tal-Unjoni u nazzjonali.

**Emenda 5**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Jenħtieġ li l-Portal jippreżenta d-data li jkun fih f' forom aggregati u mhux aggregati biex l-utenti jkunu jistgħu jwettqu tfittxijiet immirati.

*Emenda*

(9) Jenħtieġ li l-Portal jippreżenta d-data li jkun fih f' forom aggregati u mhux aggregati biex l-utenti jkunu jistgħu jwettqu tfittxijiet immirati **kif ukoll ikunu permessi mezzi elettroniċi ta' estrazzjoni tad-data li jkunu faċli għall-utent, inklużi settijiet ta' data fuq il-bażi ta' mistoqsijiet.**

**Emenda 6**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Ir-rekwiżiti tar-rapportar jenħtieġ li japplikaw fil-“livell tal-installazzjoni” sabiex jiġu implimentati sinerġiji bejn il-Portal u l-bażijiet tad-data dwar il-perssonijiet ambjentali minn installazzjonijiet industrijali, inklużi daww koperti mid-Direttiva 2010/75/UE, u biex tiġi żgurata l-koerenza mal-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u l-

*Emenda*

(10) Ir-rekwiżiti tar-rapportar jenħtieġ li japplikaw fil-“livell tal-installazzjoni”, **jew, f'każijiet fejn japplika l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2010/75/UE u fejn permess ikopri żewġ installazzjonijiet jew aktar jew partijiet minn installazzjonijiet operati mill-istess operatur fl-istess sit, fil-livell tal-permess, sabiex jiġu implimentati sinerġiji bejn il-Portal u l-bażijiet tad-data dwar il-perssonijiet ambjentali minn**



appoġġ għaliha.

installazzjonijiet industrijali, inklużi daww koperti mid-Direttiva 2010/75/UE, u biex tiġi żgurata l-koerenza mal-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u l-appoġġ għaliha.

**Emenda 7**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Jenħtieġ li l-Portal jinkludi wkoll data dwar l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tal-materja prima mill-installazzjonijiet ikkonċernati biex ikun jista' jsir monitoraġġ tal-progress lejn ekonomija ċirkolari u effiċjenti ħafna fir-riżorsi

*Emenda*

(13) Jenħtieġ li l-Portal jinkludi wkoll data **bażika** dwar l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tal-materja prima mill-installazzjonijiet ikkonċernati, **dment li l-ambitu ta' dik id-data ma jaqbiżx dak li hu meħtieġ** biex ikun jista' jsir monitoraġġ tal-progress lejn ekonomija ċirkolari u effiċjenti ħafna fir-riżorsi.

**Emenda 8**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-operaturi tal-installazzjonijiet jenħtieġ li jirrapportaw ukoll informazzjoni dwar il-volum tal-produzzjoni, **l-għadd ta' impjegati** u s-siġhat ta' tħaddim tal-installazzjoni kkonċernata kif ukoll informazzjoni dwar inċidenti li wasslu għal rilaxxi, sabiex tkun tista' ssir il-kuntestwalizzazzjoni tad-data rrapportata dwar ir-rilaxxi ta' inkwinanti u t-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart u tal-ilma mormi.

*Emenda*

(15) L-operaturi tal-installazzjonijiet jenħtieġ li jirrapportaw ukoll informazzjoni **ġenerali** dwar il-volum tal-produzzjoni u s-siġhat ta' tħaddim tal-installazzjoni kkonċernata, kif ukoll informazzjoni dwar inċidenti li wasslu għal rilaxxi, **dment li l-ambitu ta' dik l-informazzjoni ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ** sabiex tkun tista' ssir il-kuntestwalizzazzjoni tad-data rrapportata dwar ir-rilaxxi ta' inkwinanti u t-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart u tal-ilma mormi.

**Emenda 9**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(16) Il-benefiċċju ġenerali tal-Portal għall-aċċess għal informazzjoni ambjentali dwar installazzjonijiet industrijali jenħtieġ li jiġi massimizzat billi jiġu inklużi rabtiet ma' flussi ta' informazzjoni oħra li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-arja, tal-ilma u tal-art u dwar il-ġestjoni tal-iskart, inkluż ir-rapportar skont id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>41</sup>, id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>42</sup> u d-Direttiva 2010/75/UE. Barra minn hekk, sabiex jiġi mmassimizzat il-valur tal-Portal għall-utenti, jenħtieġ li dan jitfassal biex jiffaċilita l-integrazzjoni futura ma' flussi rilevanti oħra ta' data ambjentali.

---

<sup>41</sup> Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

<sup>42</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 20**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward ir-rapportar mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi t-tip

(16) Il-benefiċċju ġenerali tal-Portal għall-aċċess għal informazzjoni ambjentali dwar installazzjonijiet industrijali jenħtieġ li jiġi massimizzat billi jiġu inklużi rabtiet ***mas-sommarju tal-permess, mas-sistema ta' ġestjoni ambjentali, u mal-pjan ta' trasformazzjoni, kif ukoll*** ma' flussi ta' informazzjoni oħra li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-arja, tal-ilma u tal-art u dwar il-ġestjoni tal-iskart, inkluż ir-rapportar skont id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>41</sup>, id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>42</sup> u d-Direttiva 2010/75/UE. Barra minn hekk, sabiex jiġi mmassimizzat il-valur tal-Portal għall-utenti, jenħtieġ li dan jitfassal biex jiffaċilita l-integrazzjoni futura ma' flussi rilevanti oħra ta' data ambjentali.

---

<sup>41</sup> Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

<sup>42</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

#### *Emenda*

(20) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward ir-rapportar mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi t-tip

u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta u l-iskadenzi tar-rapportar. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup>.

---

<sup>43</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

## **Emenda 11**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 21**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Minħabba l-importanza li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess rapidu għall-informazzjoni ambjentali, huwa essenzjali li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħmlu d-data disponibbli għall-pubbliku **malajr kemm ikun** teknikament fattibbli. Għal dak il-għan, filwaqt li l-iskadenza preċiża tar-rapportar għandha tiġi stabbilita f'att ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li ma tkunx aktar tard minn 11-il xahar wara t-tmiem tas-sena tar-rapportar.

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 23**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Id-data **rrapportata** mill-Istati Membri jenħtieġ li tkun ta' kwalità għolja

u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, **inklużi l-forom elettroniċi standardizzati fejn ikun xieraq**, u l-iskadenzi tar-rapportar. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup>.

---

<sup>43</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

#### *Emenda*

(21) Minħabba l-importanza li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess rapidu għall-informazzjoni ambjentali, huwa essenzjali li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħmlu d-data disponibbli għall-pubbliku **bl-aktar mod mgħaġġel li jkun** teknikament fattibbli, **u f'kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahar wara li tkun ġiet iġġenerata l-informazzjoni**. Għal dak il-għan, filwaqt li l-iskadenza preċiża tar-rapportar għandha tiġi stabbilita f'att ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li ma tkunx aktar tard minn 11-il xahar wara t-tmiem tas-sena tar-rapportar.

#### *Emenda*

(23) Id-data **elettronikament irrapportata** mill-Istati Membri **u mill-**

b'mod partikolari fir-rigward tal-akuratezza, il-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibbiltà tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-kwalità tad-data pprovduta mill-operaturi.

**operaturi** jenħtieġ li tkun ta' kwalità għolja b'mod partikolari fir-rigward tal-akuratezza, il-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibbiltà tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-kwalità tad-data pprovduta mill-operaturi.

**Emenda 13**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 25**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Il-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tiġi żgurata fl-iżvilupp ulterjuri tal-Portal billi jiġu pprovduti opportunitajiet bikrija u effettivi biex jiġu ppreżentati kummenti, informazzjoni, analiżi u opinjonijiet għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

*Emenda*

(25) Il-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tiġi żgurata fl-iżvilupp ulterjuri tal-Portal billi jiġu pprovduti opportunitajiet bikrija, **regolari** u effettivi biex jiġu ppreżentati kummenti, informazzjoni, analiżi u opinjonijiet għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

**Emenda 14**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Sabiex ittejjeb l-utilità u l-impatt tal-Portal, il-Kummissjoni, appoġġata mill-Aġenzija, jenħtieġ li tiżviluppa gwida li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

(26) Sabiex ittejjeb l-utilità u l-impatt tal-Portal, il-Kummissjoni, appoġġata mill-Aġenzija, jenħtieġ li **tiffaċilita l-armonizzazzjoni tal-forniment elettroniku tad-data, sabiex tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni u l-pubblikazzjoni tagħha, u jenħtieġ li** tiżviluppa gwida li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament **kif ukoll tipprovdi assistenza teknika, pereżempju, biex tappoġġa l-iżvilupp ta' formoli elettroniċi.**

**Emenda 15**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 29**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata

PE737.356v02-00

*Emenda*

(29) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata

12/34

RR\1280170MT.docx

wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat biex temenda l-Anness II ta' dan ir-Regolament biex jiġu ddeterminati l-livelli limitu tar-rapportar, biex jiżdiedu inkwinanti li huma soġġetti għal miżuri regolatorji speċifiċi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-ilma u tal-arja u dwar is-sustanzi kimiċi, inklużi r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>52</sup>, id-Direttivi 2000/60/KE<sup>53</sup>, 2004/107/KE<sup>54</sup>, 2006/118/KE<sup>55</sup>, 2008/50/KE<sup>56</sup> u 2008/105/UE<sup>57</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jiġu riflessi l-bidliet li saru fil-Protokoll fir-rigward tal-inkwinanti li għandhom jiġu rrapportati jew il-livelli limitu tar-rapportar tagħhom, u biex dak l-Anness jiġi adattat għall-progress xjentifiku jew tekniku.

---

<sup>52</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

<sup>53</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-

wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat biex temenda l-Anness II ta' dan ir-Regolament biex jiġu ddeterminati l-livelli limitu tar-rapportar, biex jiżdiedu inkwinanti, ***b'mod partikolari sustanzi ta' tħassib emerġenti, bħall-mikroinkwinanti jew il-mikroplastiks, inkluż fil-forom nano tagħhom***, li huma soġġetti għal miżuri regolatorji speċifiċi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-ilma u tal-arja u dwar is-sustanzi kimiċi, inklużi r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>52</sup>, id-Direttivi 2000/60/KE<sup>53</sup>, 2004/107/KE<sup>54</sup>, 2006/118/KE<sup>55</sup>, 2008/50/KE<sup>56</sup> u 2008/105/UE<sup>57</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jiġu riflessi l-bidliet li saru fil-Protokoll fir-rigward tal-inkwinanti li għandhom jiġu rrapportati jew il-livelli limitu tar-rapportar tagħhom, u biex dak l-Anness jiġi adattat għall-progress xjentifiku jew tekniku.

---

<sup>52</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

<sup>53</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-

merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi policiċliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3).

<sup>55</sup> Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

<sup>56</sup> Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

<sup>57</sup> Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi policiċliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3).

<sup>55</sup> Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

<sup>56</sup> Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

<sup>57</sup> Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

## **Emenda 16**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 30**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Meta tadotta atti delegati, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>58</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-

#### *Emenda*

(30) Meta tadotta atti delegati, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti ***u fil-livell tal-ispeċjalisti rilevanti u s-setturi industrijali***, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>58</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess

tħejjija ta' atti delegati.

sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

---

<sup>58</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

---

<sup>58</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

**Emenda 17**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament jimplimenta l-Protokoll tal-UNECE dwar ir-Reġistri dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (“il-Protokoll”) billi jistabbilixxi regoli dwar il-ġbir u r-rapportar tad-data ambjentali dwar l-installazzjonijiet industrijali u jistabbilixxi Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali (“**Portal**”) fil-livell tal-Unjoni fil-forma ta' bażi tad-data online li tagħti aċċess għal tali data.

*Emenda*

Dan ir-Regolament jimplimenta l-Protokoll tal-UNECE dwar ir-Reġistri dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (“il-Protokoll”) billi jistabbilixxi regoli dwar il-ġbir u r-rapportar tad-data ambjentali dwar l-installazzjonijiet industrijali u jistabbilixxi Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali (“**il-Portal**”) fil-livell tal-Unjoni fil-forma ta' bażi tad-data online li tagħti aċċess għal tali data.

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9a) Il-“Kodiċi tal-Iskart tal-UE”  
tfisser il-kodiċi ta' sitt ċifri fil-lista tal-iskart tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE tat-18 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE dwar il-lista ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>**

---

**<sup>1a</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE tat-18 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE dwar il-lista ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) “irkupru” tfisser **kwalunkwe operazzjoni msemmija** fl-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE;

*Emenda*

(14) “irkupru” tfisser ***l-operazzjonijiet imsemmija*** fl-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE, ***diżaggregati skont il-kodiċi R rilevanti***;

*Ġustifikazzjoni*

*L-operazzjonijiet ta' rkupru huma elenkati bil-kodiċijiet R fl-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE. Id-data dwar l-irkupru disponibbli fuq il-Portal għandha tinqasam skont il-kodiċi R.*

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) “rimi” tfisser **kwalunkwe operazzjoni msemmija** fl-Anness I tad-Direttiva 2008/98/KE;

*Emenda*

(15) “rimi” tfisser ***l-operazzjonijiet imsemmija*** fl-Anness I tad-Direttiva 2008/98/KE, ***diżaggregati skont il-kodiċi D rilevanti***;

*Ġustifikazzjoni*

*L-operazzjonijiet ta' rimi huma elenkati bil-kodiċijiet R fl-Anness I tad-Direttiva 2008/98/KE. Id-data dwar ir-rimi disponibbli fuq il-Portal għandha tinqasam skont il-kodiċi D.*

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Portal għandu jinkludi ***d-data*** dwar:

*Emenda*

1. Il-portal għandu jinkludi ***data, f'format standardizzat li jiffaċilita l-estrazzjoni tad-data***, dwar:



**Emenda 22**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 - paragrafu 1 - punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) is-sommarju tal-permess kif stabbilit fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(4), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156), u l-anness għall-permess f'konformità mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156);*

**Emenda 23**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ea) fejn disponibbli, informazzjoni sistematika pprovduta mill-Istati Membri dwar id-data xjentifika disponibbli kif imsemmi fl-Artikolu 79a tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156).*

**Emenda 24**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Il-Portal għandu jinkludi wkoll:*  
*(a) lista ta' installazzjonijiet mhux konformi skont l-Artikolu 79 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet*

*industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156) wara d-deċiżjoni finali dwar in-nuqqas ta' konformità maħruġa mill-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-liġi nazzjonali;*

*(b) il-Konklużjoni BAT kif imsemmi fl-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156).*

**Emenda 25**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) reġistri, bażijiet tad-data jew siti web eżistenti oħra aċċessibbli għall-pubbliku, stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri jew tal-Unjoni, li jipprovdu aċċess għar-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-arja, tal-ilma u tal-art, u dwar il-ġestjoni tal-iskart.

**Emenda 26**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) reġistri, bażijiet tad-data jew siti web eżistenti oħra aċċessibbli għall-pubbliku, stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri jew tal-Unjoni, li jipprovdu aċċess *f'format standardizzat li jippermetti l-estrazzjoni tad-data, fejn l-estrazzjoni tad-data hija possibbli, u* għar-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-arja, tal-ilma u tal-art, u dwar il-ġestjoni tal-iskart.

*Emenda*

*(ba) il-permess imsemmi fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156);*

*Emenda*

*(ba) il-permess imsemmi fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156);*

**Emenda 27**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bb) Is-sistema tal-ġestjoni ambjentali prevista fl-Artikolu 14a tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156);*

**Emenda 28**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt bc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bc) il-pjanijiet ta' trasformazzjoni previsti fl-Artikolu 27d tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156);*

**Emenda 29**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-Portal aċċessibbli għall-pubbliku, u għandha tippreżenta d-data kemm f'forma aggregata kif ukoll f'forma mhux aggregata bil-għan li tippermetti *tfittxijiet* skont:

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-Portal aċċessibbli ***b'mod faċli u*** għall-pubbliku, ***u faċli biex jintuża mill-utenti***, u għandha tippreżenta d-data kemm f'forma aggregata kif ukoll f'forma mhux aggregata bil-għan li tippermetti ***t-tfittxijiet, l-estrazzjoni tad-data u d-downloads ta' settijiet ta' data fuq il-bażi ta' mistoqsijiet*** skont:

**Emenda 30**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-installazzjoni, inkluża l-kumpanija omm tal-installazzjoni fejn applikabbli, u s-sit ġeografiku tagħha, inkluż il-baċir tax-xmara;

*Emenda*

(a) l-installazzjoni, **jew grupp ta' żewġ installazzjonijiet jew aktar jew partijiet minn installazzjonijiet koperti mill-istess permess f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2010/75/UE**, inkluża l-kumpanija omm tal-installazzjoni fejn applikabbli, u s-sit ġeografiku tagħha, inkluż il-baċir tax-xmara;

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) it-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart u, kif xieraq, id-destinazzjoni tagħhom;

*Emenda*

(f) it-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart u, kif xieraq, id-destinazzjoni tagħhom **f'konformità mal-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/98/KE, li jindikaw b'“R” jew “D”, rispettivament, jekk l-iskart huwiex destinat għall-irkupru jew għar-rimi;**

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fejn hija kkonċernata d-data personali, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lis-suġġetti tad-data bid-drittijiet tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data f'dak ir-Regolament u bil-proċeduri applikabbli għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet.**

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operatur ta' kull installazzjoni li jwettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet speċifikati fl-Anness I, li jissodisfaw il-livelli limitu ta' kapaċità applikabbli speċifikati f'dak l-Anness, għandu jirrapporta kull sena, lill-awtorità kompetenti tiegħu, id-data li ġejja, sakemm dik id-data ma tkunx diġà disponibbli għall-awtorità kompetenti:

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) l-informazzjoni li tippermetti l-kuntestwalizzazzjoni tad-data rrapportata skont il-punti (a) sa (d), inkluż il-volum tal-produzzjoni, l-għadd ta' **impjegati, l-għadd ta'** sığhat ta' tħaddim, u informazzjoni dwar aċċidenti li wasslu għal rilaxxi;

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-operatur ta' kull installazzjoni, **jew ta' grupp ta' żewġ installazzjonijiet jew aktar jew partijiet minn installazzjonijiet koperti mill-istess permess f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2010/75/UE**, li jwettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet speċifikati fl-Anness I, li jissodisfaw il-livelli limitu ta' kapaċità applikabbli speċifikati f'dak l-Anness, għandu jirrapporta **mill-inqas** kull sena **u juża formola elettronika tal-input**, lill-awtorità kompetenti tiegħu, id-data li ġejja, sakemm dik id-data ma tkunx diġà disponibbli għall-awtorità kompetenti:

*Emenda*

(e) l-informazzjoni li tippermetti l-kuntestwalizzazzjoni tad-data rrapportata skont il-punti (a) sa (d), inkluż il-volum tal-produzzjoni, l-għadd ta' sığhat ta' tħaddim, u informazzjoni dwar aċċidenti li wasslu għal rilaxxi;

*Emenda*

**(fa) is-sommarju tal-permess kif stabbilit fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament u tal-Kunsill (COM(2022)156);**

**Emenda 36**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fb) ir-rabta diretta mas-sistema tal-  
ġestjoni ambjentali prevista fl-Artikolu  
14a tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-  
emissjonijiet industrijali, kif emendata  
bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156);**

**Emenda 37**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fc) ir-rabta diretta mal-permess  
imsemmi fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva  
2010/75/UE dwar l-emissjonijiet  
industrijali, kif emendata bid-Direttiva  
XX/XXXX tal-Parlament u tal-Kunsill  
(COM(2022)156);**

**Emenda 38**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fd (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fd) ir-rabta diretta mal-pjanijiet ta'  
trasformazzjoni previsti fl-Artikolu 27d  
tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-  
emissjonijiet industrijali, kif emendata  
bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156);**

**Emenda 39**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. L-operaturi għandhom jispeċifikaw

4. L-operaturi għandhom jispeċifikaw

fir-rapport il-metodi użati għall-kisba tad-data. Fejn id-data tkun inkisbet permezz ta' kejl, għandu jiġi indikat il-metodu analitiku. Fejn id-data tkun inkisbet permezz ta' kalkolu, għandu jiġi indikat il-metodu ta' kalkolu.

**Emenda 40**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

11. Wara li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw data sa meta l-operaturi għandhom jipprovdu d-data msemmija f'dan l-Artikolu lill-awtorità kompetenti tagħhom.

**Emenda 41**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 11a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 42**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

fir-rapport il-metodi użati għall-kisba tad-data. Fejn id-data tkun inkisbet permezz ta' kejl, għandu jiġi indikat il-metodu analitiku. Fejn id-data tkun inkisbet permezz ta' kalkolu, għandu jiġi indikat il-metodu ta' kalkolu, ***inkluża l-inċertezza tal-kejl relatata.***

*Emenda*

11. Wara li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw data sa meta l-operaturi għandhom jipprovdu d-data msemmija f'dan l-Artikolu lill-awtorità kompetenti tagħhom. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu formola elettronika tal-input lill-operatur għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

*Emenda*

***11a. Fejn, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2010/75/UE, permess ikopri żewġ installazzjonijiet jew aktar jew partijiet minn installazzjonijiet operati mill-istess operatur fl-istess sit, l-operatur jista' jikkonforma mar-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti f'dan l-Artikolu billi jissottometti f'rapport uniku d-data kollha relatata ma' tali installazzjonijiet, jew tali partijiet mill-installazzjonijiet, koperti mill-istess permess.***

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, b'mezz elettroniku, rapport li jkun fih id-data kollha msemmija fl-Artikolu 5 f'format u sa data li ***għandhom jiġu stabbiliti*** mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). Fi kwalunkwe każ, id-data tar-rapportar għandha tkun mhux aktar tard minn 11-il xahar wara t-tmiem tas-sena tar-rapportar.

*Emenda*

1. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, b'mezz elettroniku, rapport li jkun fih id-data kollha msemmija fl-Artikolu 5, ***link dirett għas-sit web tal-awtoritajiet kompetenti għal avviżi pubbliċi għal kull installazzjoni u lista ta' installazzjonijiet mhux konformi skont l-Artikolu 79 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament u tal-Kunsill (COM(2022)156) wara d-deċiżjoni finali dwar in-nuqqas ta' konformità maħruġa mill-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-liġi nazzjonali, f'format standardizzat li jippermetti t-tfittxijiet u l-estrazzjonijiet, fejn possibbli u sa data li għandha tiġi stabbilita*** mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). Fi kwalunkwe każ, id-data tar-rapportar għandha tkun mhux aktar tard minn 11-il xahar wara t-tmiem tas-sena tar-rapportar.

**Emenda 43**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***2a. L-Istati Membri għandhom jagħtu wkoll lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija informazzjoni sistematika dwar id-data xjentifika disponibbli kif imsemmi fl-Artikolu 79a tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, kif emendata bid-Direttiva XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2022)156). L-Aġenzija għandha tinkorpora d-data fil-Portal wara li teżamina bir-reqqa l-affidabbiltà***

*Emenda*



**Emenda 44**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kwalità tad-data pprovduta mill-operaturi tal-installazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari dwar l-akkuratezza, il-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibbiltà tagħhom.

*Emenda*

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kwalità tad-data pprovduta mill-operaturi tal-installazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari dwar l-akkuratezza, il-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibbiltà tagħhom. ***Fil-każ ta' nuqqasijiet kwalitattivi preżenti fid-data prevista fl-Artikolu 5, fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti permezz ta' mezzi elettroniċi, l-operaturi tal-installazzjoni kkonċernata għandhom jipprovdu mingħajr dewmien id-data kkoreġuta lill-awtoritajiet kompetenti.***

**Emenda 45**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta d-data titqies kunfidenzjali minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament għas-sena tar-rapportar ikkonċernata għandu jindika separatament għal kull installazzjoni liema data ma tkunx tista' ssir pubblika u għandu jagħti r-raġunijiet għal dan.

*Emenda*

Meta d-data titqies kunfidenzjali minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament għas-sena tar-rapportar ikkonċernata għandu jindika separatament għal kull installazzjoni, ***jew f'rapport uniku għal grupp ta' żewġ installazzjonijiet jew aktar jew partijiet minn installazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 5(11a) ta' dan ir-Regolament,*** liema data ma tkunx tista' ssir pubblika u għandu jagħti r-raġunijiet għal dan. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi jkollhom il-possibbiltà li joġġezzjonaw għall-pubblikazzjoni ta' tali data f'konformità mal-Artikolu 3a tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet***

*industrijali, kif emendata bid-Direttiva  
XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-  
Kunsill (COM(2022)156).*

**Emenda 46**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-pubbliku għandu jkollu l-opportunità li jippreżenta kummenti, informazzjoni, analiżi **jew** opinjonijiet f'qafas ta' żmien **raġonevoli**.

*Emenda*

2. Il-pubbliku għandu jkollu l-opportunità li jippreżenta kummenti, informazzjoni, analiżi **u** opinjonijiet f'qafas ta' żmien **raġonevolment twil u fi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni**.

**Emenda 47**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Gwida

*Emenda*

Gwida **dwar l-implimentazzjoni**

**Emenda 48**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija, għandha tfassal u taġġorna perjodikament gwida li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li tindirizza mill-inqas dan li ġej:

*Emenda*

Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija, **u wara konsultazzjoni mal-grupp ta' esperti tar-reġistru Ewropew dwar ir-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti (PRTR Ewropew)**, għandha tfassal u taġġorna perjodikament gwida li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li tindirizza mill-inqas dan li ġej:

**Emenda 49**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (a) il-proċeduri tar-rapportar;

*Emenda*

- (a) il-proċeduri **standardizzati** tar-rapportar **fl-Unjoni**;

**Emenda 50**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-għarfien pubbliku tal-Portal u l-fehim u l-użu tad-data li tinsab fih.

*Emenda*

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-għarfien pubbliku tal-Portal u l-fehim u l-użu tad-data li tinsab fih **f'kooperazzjoni mill-qrib mal-pubbliku**.

**Emenda 51**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (d) sabiex **jiġi allinjat mal-Protokoll wara l-adozzjoni ta' emenda għall-annessi tiegħu**.

*Emenda*

- (d) sabiex **jiżjeddu l-inkwinanti li ġew miżjuda mal-Annessi tal-Protokoll**.

**Emenda 52**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-Anness II ta' dan ir-Regolament abbażi tal-kriterji msemmija f'dan l-Artikolu u s-sustanzi elenkati fl-Anness II għad-Direttiva 2010/75/UE. Abbażi ta' tali rieżami, fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 15 sabiex temenda l-Anness II ta' dan ir-Regolament.**

**Emenda 53**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(3) u fl-Artikolu 14 għal perjodu ta' **ħames** snin minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġobkom daħħlu d-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' **ħames** snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

**Emenda 54**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għall-introjtu tal-persuna fiżika li **tkun** wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lill-persuna responsabbli għall-ksur mill-benefiċċji ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiżdied gradwalment għal ksur ripetut.

**Emenda 55**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(3) u fl-Artikolu 14 għal perjodu ta' **erba'** snin minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġobkom daħħlu d-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' **erba'** snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

*Emenda*

2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika **fl-Istat Membru fejn ikun seħħ il-ksur** jew għall-introjtu tal-persuna fiżika li wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lill-persuna responsabbli għall-ksur mill-benefiċċji ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiżdied gradwalment għal ksur ripetut.

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) kwalunkwe penali li jkunu rċevew qabel skont dan l-Artikolu;*

**Emenda 56**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – ringiela 33a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

<i>(33a)</i>	<i>115-32-2</i>	<i>Dikofol</i>	<i>1</i>	<i>1</i>	<i>1</i>
--------------	-----------------	----------------	----------	----------	----------

**Emenda 57**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – ringiela 49a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

<i>(49a)</i>	<i>335-67-1, 355-46-4 u oħrajn</i>	<i>PFAS, inklużi PFOA<sup>1a</sup>, PFHxS<sup>1b</sup>, l-imlieħi tagħhom u l-komposti relatati</i>	<i>1</i>	<i>1</i>	<i>1</i>
<i>1a Aċidu perfluworoottanojku</i>					
<i>1b Aċidu sulfoniku tal-perfluworożan</i>					

**Emenda 58**  
**Proposta għal regolament**  
**Anness II – nota f'qiegħ il-paġna 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(<sup>12</sup>) Massa totali tad-difenileteri brominati li ġejjin: penta-BDE, octa-BDE u deca-BDE.

*Emenda*

(<sup>12</sup>) Massa totali tad-difenileteri brominati li ġejjin: penta-BDE, octa-BDE u deca-BDE, *hepta-BDE, eża-BDE, tetra-BDE*.

## NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (PRTR Ewropew) fih data rapportata kull sena minn madwar 30 000 faċilità industrijali li jkopru 65 attività ekonomika madwar l-Unjoni. Dan ir-Regolament jimplementa l-Protokoll ta' Kiev tal-2006 dwar ir-Reġistri dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti ("Protokoll")<sup>1</sup>.

Kull sena, l-Istati Membri jibagħtu rapport lill-Kummissjoni li jkun fih data sottomessa mill-operaturi ta' faċilitajiet industrijali dwar ir-rilaxxi u t-trasferimenti ta' kull faċilità. Imbagħad il-Kummissjoni tippubblika d-data fuq sit web pubbliku, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Il-PRTR Ewropew wera li huwa bażi ta' għarfien kruċjali dwar ir-rilaxxi mill-attivitajiet industrijali tal-UE. Intlaqa' tajjeb mill-partijiet ikkonċernati, speċjalment wara li nħoloq il-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali ("Portal")<sup>2</sup>, li jorbtu mill-qrib mad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali ("id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali – IED")<sup>3</sup>. Il-Portal, li ħa post is-sit web tal-PRTR Ewropew, jiġbor flimkien id-data dwar l-attivitajiet industrijali rrapportati taħt dawn iż-żewġ liġijiet ambjentali tal-Unjoni.

Bil-proposta preżenti, il-Kummissjoni għandha l-għan li tkompli ttejjeb il-PRTR Ewropew billi tallinja l-obbligi ta' rapportar stabbiliti f'leġiżlazzjoni ambjentali oħra billi tirrapporta informazzjoni kuntestwali addizzjonali. Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi l-bidliet li ġejjin:

- Il-kamp ta' applikazzjoni settorjali tar-Regolament huwa rivedut biex ikun aktar konsistenti mal-attivitajiet koperti mil-liġijiet ambjentali relatati. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-IED, iżda wkoll id-Direttiva (UE) 2015/2193 dwar l-impjanti tal-kombustjoni medji (MCPD)<sup>4</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (id-Direttiva UWWT)<sup>5</sup>.

F'dan ir-rapport, bħala Rapporteur tal-Kumitat ENVI, nappoġġa dan l-approċċ u mhux se nippreżenta emendi li jikkompromettu l-proposta.

- Il-Kummissjoni tipproponi li l-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għandhom jiġu rrapportati fil-livell tal-installazzjoni – bħal fil-każ ta' dawn il-liġijiet l-oħra – aktar milli fil-livell tal-faċilità.

Bħala Rapporteur, nappoġġa dan l-approċċ, sa fejn huwa appoġġat fir-reviżjoni tal-IED. Ir-rapport preżenti jappoġġa r-rapportar fil-livell tal-installazzjoni, iżda jieħu inkunsiderazzjoni l-għażla, prevista fl-Artikolu 4(2) tal-IED, li tipprevedi li permess uniku jista' jkopri żewġ installazzjonijiet jew aktar jew partijiet minn installazzjonijiet operati mill-istess operatur fl-istess sit. Għalhekk, ninkludi din l-għażla fir-rapport

<sup>1</sup> Il-Protokoll ta' Kiev dwar ir-Reġistri dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti għall-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Access għall-Infommazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Access għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali: <https://unece.org/environment-policy/public-participation/prtrs-protocol-text>.

<sup>2</sup> <https://industry.eea.europa.eu/>

<sup>3</sup> ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

<sup>4</sup> ĠU L 313, 28.11.2015, p. 1.

<sup>5</sup> ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.

kollu, inkluż fid-definizzjoni nnifisha ta' "installazzjoni" għall-finijiet tar-Regolament.

- Il-Kummissjoni, abbażi tal-ambizzjoni ta' tniġġis zero tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, għandha l-għan li tkopri l-inkwinanti rilevanti kollha. Ċerti inkwinanti jizjedu mal-Anness II tar-Regolament, inklużi:
  - sustanzi prijoritarji skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE u d-Direttiva 2008/105/UE dwar l-Ilma tal-Wieċ;
  - sustanzi identifikati bħala ta' tħassib serju ħafna fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH)<sup>6</sup>;
  - sustanzi koperti mil-liġijiet tal-Unjoni dwar l-ilma ta' taħt l-art u l-kwalità tal-arja, inkluża d-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali u d-Direttiva 2004/107/KE dwar il-konċentrazzjonijiet ta' ċerti inkwinanti fl-arja ambjentali.

Fir-rapport, nappoġġa din l-ambizzjoni u mhu se nressaq l-ebda emenda għall-Anness II.

- Sabiex tkun konsistenti mal-politiki tal-Unjoni dwar l-ekonomija ċirkolari u d-dekarbonizzazzjoni u biex tippermetti valutazzjoni komparattiva ambjentali aħjar, il-Kummissjoni tipproponi li l-operaturi għandhom jirrapportaw dwar il-volum tal-produzzjoni u d-data komplementari, speċjalment l-użu tar-riżorsi (l-enerġija, l-ilma, u l-materja prima).

Fil-fehma tiegħi, bħala Rapporteur, partijiet minn dawn ir-rekwiżiti l-ġodda jmorru wisq lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni inizjali tar-Regolament, u jmorru lil hinn mill-objettivi tad-Direttiva 2010/75/UE, u b'hekk joħolqu piż amministrattiv mhux meħtieġ u jipperikolaw b'mod sproporzjonat il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali. Għalhekk, nipproponi ċerti emendi li għandhom l-għan li jipproteġu l-informazzjoni kummerċjali u jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni u tad-data għal dak li huwa meħtieġ, filwaqt li ma jbidlux il-parti ċentrali tal-proposta tal-Kummissjoni.

- Fil-proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni titlob ċerti setgħat ta' delega estensivi li jikkorrispondu għas-setgħat ta' delega mitluba skont ir-reviżjoni tal-IED. Xi wħud minn dawn is-setgħat ta' delega mitluba jmorru lil hinn mill-kwistjonijiet tekniċi u jittrattaw il-kompitu ewlieni tal-koleġiżlaturi. Dan huwa partikolarment minnu għall-proposta biex jiġu ddelegati setgħat lill-Kummissjoni biex eventwalment tinkludi attivitajiet agroindustrijali ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tar-Regolament. Bħala r-Rapporteur tal-Kumitat ENVI dwar il-proposta, u f'konformità mal-pożizzjoni kostanti u konsistenti tal-Parlament bħala koleġiżlatur u istituzzjoni demokratika, li tirrappreżenta direttament liċ-ċittadini tal-Unjoni, nesprimi fir-rapport ir-riżervi tiegħi lejn dan l-approċċ leġiżlattiv. Għalhekk, nipproponi li jiġu rrifjutati d-dispożizzjonijiet fejn id-delega tas-setgħat tmiss ma' kwistjonijiet politiċi essenzjali, madankollu naqbel ma' dawk li huma meħtieġa biex jiġu pprovdoti soluzzjonijiet tekniċi f'waqthom u effettivi.

---

<sup>6</sup> ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Rapportar ta' data ambjentali minn installazzjonijiet industrijali u l-istabbiliment ta' Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali	
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0157 – C9-0145/2022 – 2022/0105(COD)	
<b>Data meta ġie kkonsultat il-PE</b>	6.4.2022	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 5.5.2022	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 5.5.2022	
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ITRE 20.4.2022	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Radan Kanev 10.5.2022	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	12.7.2022	30.11.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.5.2023	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: –: 0:	77 3 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mathilde Androuët, Maria Arena, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Mohammed Chahim, Maria Angela Danzi, Esther de Lange, Christian Doleschal, Cyrus Engerer, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Heléne Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Andreas Glück, Teuvo Hakkarainen, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Marina Measure, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Nikos Papandreou, Jutta Paulus, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Erik Poulsen, Nicola Procaccini, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyraiki, Achille Variati, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Anna Zalewska	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Catherine Chabaud, Martin Häusling, Romana Jerković, Radan Kanev, Ska Keller, Ondřej Knotek, Norbert Lins, Marisa Matias, Max Orville, Marcos Ros Sempere, Jadwiga Wiśniewska	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Attila Ara-Kovács, Ilana Cicurel, Clare Daly, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Virginie Joron, Erik Marquardt, Pedro Marques, Marlene Mortler, Edina Tóth, Kosma Złotowski	
<b>Data tat-tressiq</b>	5.6.2023	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

77	+
ECR	Pietro Fiocchi, Joanna Kopcińska, Nicola Procaccini, Alexandr Vondra, Jadwiga Wiśniewska, Anna Zalewska, Kosma Złotowski
ID	Gianna Gancia, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone
NI	Maria Angela Danzi, Edina Tóth
PPE	Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Christian Doleschal, Agnès Evren, Adam Jarubas, Radan Kanev, Ewa Kopacz, Esther de Lange, Peter Liese, Norbert Lins, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Marlene Mortler, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Christine Schneider, Maria Spyraiki, Pernille Weiss
Renew	Pascal Canfin, Catherine Chabaud, Ilana Cicurel, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Jan Huitema, Max Orville, Erik Poulsen, María Soraya Rodríguez Ramos, Emma Wiesner, Michal Wiezik
S&D	João Albuquerque, Attila Ara-Kovács, Maria Arena, Delara Burkhardt, Mohammed Chahim, Estrella Durá Ferrandis, Cyrus Engerer, Hélène Fritzon, Romana Jerković, César Luena, Pedro Marques, Alessandra Moretti, Nikos Papandreou, Marcos Ros Sempere, Günther Sidl, Achille Variati, Petar Vitanov
The Left	Malin Björk, Clare Daly, Marisa Matias, Marina Mesure, Silvia Modig, Mick Wallace
Verts/ALE	Margrete Auken, Michael Bloss, Malte Gallée, Martin Häusling, Yannick Jadot, Ska Keller, Erik Marquardt, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus

3	-
ECR	Teuvo Hakkarainen
ID	Sylvia Limmer
Renew	Ondřej Knotek

5	0
ID	Mathilde Androuët, Aurélie Beigneux, Virginie Joron
NI	Ivan Vilibor Sinčić
Renew	Andreas Glück

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni